MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Numru. 396/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Frank A.Tabone)**

**vs.**

**Marco Debono**
**Josepha Debono**

**Kaz Nru. 396/2010**

**Illum, 24 ta’ April 2012**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Marco Debono**, bin Joseph u Maria nee’ Carnemolla, imwieled fis-27 ta’ Gunju 1981, residenti “Amethyst”, Triq in-Neolitici, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 23381(G) u kontra **Josepha Debono**, mart Marco u bint

Carmel Xerri u Mary Cauchi, imwielda fl-4 ta' Marzu 1983 u residenti "Amethyst", Triq in-Neolitici, Rabat, Ghawdex u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 8683(G), akkuzati talli nhar l-10 ta' Marzu 2010 u anki fiz-zminijiet ta' qabel din id-data fil-fond bl-indirizz "Amethyst", Triq in-Neolitici, Rabat, Ghawdex u/jew f'dawn l-inhawi:

1. Minghajr licenzja ta' l-awtorita sanitarja illi tiswa mhux aktar minn sena, zammew ziemel;

2. Bhala sidien ta' ziemel/zwiemel naqsu li matul l-ewwel sitt ijiem tax-xahar ta' Jannar ta' kull sena jirrapurtaw lill-ghola ufficjal tal-pulizija li jservi fl-eqreb Ghassa tal-Pulizija tad-distrett, in-numru ta' dawn l-annimal/i fil-pussess taghhom u jghidu fejn izommuhom;

3. Naqsu li jirraportaw kull zieda fin-numru ta' annimali kemm bi twelid, kif bidiet u tnaqqis ukoll b'xiri, b'bejgh jew mewt jew qatla;

4. Bhala persuni li jokkupaw dar f'post abitat iddepozitaw zibel jew ippermettew li xi kwantita ta' ilma mahmug, ilma mhassar jew ilma qieghed jingabar f'xi parti ta' dar bhal dik;

5. Bhala persuni li jokkupaw bini jew post abitat li fih jew fuqu jinzammu xi ziemel jew bhima tal-garr jew ta' taghbija jew xi baqar jew qzieqez naqsu li jaraw li d-demel ji jigi prodott f'dak il-post jigi mnehhi tlett darbiet fil-gimgha fix-xhur ta' Gunju, Lulju, Awwissu u Settembru u darbtejn fil-gimgha fix-xhur l-ohra;

6. Hallew, bi traskuragni, jidhol zibel, tajn jew hwejjeg ohra li jaghmlu hsara jew deni, gewwa l-ghejjun, l-akwedotti jew postijiet ohra maghmulin biex fihom jinzamm l-ilma pubbliku, jew illi ilma jinten jew hwejjeg ohra li jaghmlu deni jnixxi f'dawn l-ghejjun, akwedotti jew postijiet ohra, minn fosos, kanali jew bnadi ohra, jew illi ssir xi haga ohra li biha l-ilma pubbliku jithammeg jew ma jibqax tajjeb ghas-sahha, jew xehtu jew hallew li jixxerred xi zibel bi traskuragni jew xi ilma mdennes jew mahmug

jew xi haga ohra li taghmel deni fil-hofra fejn jaqa' l-ilma ta' xi ghajn pubblika;

7. Rmew, tefghu jew hallew jew xort'ohra iqattar jew jiddepozita xi zibel f'xi post pubbliku, triq, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, sakemm dak id-depozitu u thollija ma kienx awtorizzat b'ligi;

8. U aktar talli gabu ruhom (a) b'mod li taw fastidju lil persuna ohra u (b) b'mod li kienu jafu jew imisshom kienu jafu li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika Artikolu 321 tal-Kapitolu 10.

Rat l-atti processwali kollha, inkluz ir-ritratti u s-CD li gew ezebiti f'dawn il-proceduri.

Rat ukoll ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Vincent Ciliberti

Rat li l-imputati ghazlu li ma jixhdux u li ma ressqu l-ebda provi.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati jirrigwardaw zamma ta' ziemel u affarijiet konnessi ma' din iz-zamma. Minghajr tlaqliq ta' xejn, il-Qorti tinnota li din il-kawza kienet kombattuta sew u li z-zamma taz-ziemel tal-imputati, inkluz il-hsejjes li kien qieghed jaghmel iz-ziemel meta kien qed jinhareg mill-fond, kien qieghed idejjaq lill-girien tal-istess imputati.

Illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati, il-Qorti tinnota li ghandu jirrenja l-buon vicinat bejn girien li jkunu joqghodu vicin xulxin. Ghandu jigi evitat li gar johloq inkonvenjent lill-gar tieghu jew b'xi mod jew iehor idejqu. Ghar-rigward il-kawza

odjerna, il-Qorti tinnota li fir-relazzjoni tieghu l-Perit Tekniku Vincent Ciliberti qal hekk:

“Illi ta’ min izid illi l-kwerelant, f’wiehed mill-accessi mizmuma lmenta ma’ l-esponenti li s-sitwazzjoni li fihom inzammu l-accessi ma kienitx l-istess sitwazzjoni misjuba fil-hin ta’ l-accessi mizmuma, u li meta tressaq l-ilment is-sitwazzjoni kienet ferm aghar”.

Illi minkejja li fit-trattazzjoni tieghu, l-avukat difensur tal-imputati qal li z-ziemel in kwistjoni m’ghadux jinzamm fejn originarjament kien fid-data tal-imputazzjonijiet indikati, il-Qorti, ovvjament, xorta ser tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputati.

**<u>L-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet</u>**
B’riferenza ghall-imputazzjonijiet msemmija, il-Qorti taghmel riferenza ghall-verbal redatt fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2012 fejn inghad hekk:

“Id-difiza talbet sabiex jittella rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija in kontro-ezami sabiex jigi iccarat jekk jezistix registru li fih jigu registrati bhejjem bhaz-zwiemel.

Dr. Kevan Azzopardi jiddikjara illi fil-15 ta’ Gunju 2010 kien xehed is-Surgent bin-numru 1346 Anton Schembri li kien spjega l-investigazzjoni li kien ghamel dwar dan il-kaz u li skond hu ma kienx jezisti registru li fih jigu registrati zwiemel mal-oghla ufficjal tal-Pulizija.

In vista ta’ din id-dikjarazzjoni Dr. Anton Refalo jiddikjara li qed jaqbel ma’ dak dikjarat minn Dr. Kevan Azzopardi u jiddikjara li m’ghandux aktar provi xi jressaq u qed jaghlaq il-provi tieghu”.

Illi, apparti dan, meta Joseph Borg, Principal Health Inspector, xehed fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2012, huwa wiegeb li huma, bhala Awtorita’ Sanitarja f’Ghawdex, qatt ma kellhom *records* ta’ zamma ta’ zwiemel.  Jghid ukoll li m’ghandux idea jekk ghadx hemm obbligu li zwiemel jigu registrati.

Illi, in vista ta' dan, in vista tal-fatt li ma jezisti l-ebda registru u in vista tal-fatt li ma tressqitx prova mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet, kif tista' il-Prosekuzzjoni tippretendi li l-imputati jinstabu hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet? Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li, fuq nuqqas ta' provi, l-imputati ghandhom jigu liberati minn dawn l-imputazzjonjiet.

**Ir-raba' (4), is-sitt (6), is-sebgha (7) imputazzjonijiet**

Il-Qorti fliet bir-reqqa r-ritratti ezebiti u kif ukoll is-CD ezebit, u minkejja li HADD ma jiehu gost li vicin tieghu ikun qieghed jinzamm ziemel bl-irwejjah li dan jaghmel, b'mod specjali meta jaghmel il-bzonnijiet naturali tieghu, ma jirrizultax mill-provi mressqa dak li l-imputati gew addebitati lilhom fl-imputazzjonijiet imsemmija. Apparti minn dan, il-Qorti fliet ukoll ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku. Filwaqt li ghandu jinghad li huwa minnu li dak li jkun jista' jkun aktar kawt meta jkun jaf li ser isir access minn perit imqabbad mill-Qorti pero fl-istess waqt ghandu jigi rilevat illi l-Perit Tekniku zamm id-diversi accessi ghall-gharrieda minghajr hadd ma kien jaf li ser jinzammu dawn l-accessi. Fir-rapport tieghu, il-Perit Tekniku jghid hekk:

"Illi fin-numru ta' drabi li fihom l-esponenti acceda fuq il-post, qatt m'irrizulta dak li ghalih l-esponenti gie nominat, u cioé m'irrizultax li fl-ambjenti tal-garage u l-bitha fuq wara tal-garage fejn jinzamm iz-ziemel, kien hemm xi inkonvenjenti ta' rwejjah, jew kumolu ta' hmieg.

Illi lanqas m'irrizulta li z-ziemel mizmum mill-akkuzati kien qieghed jikkaguna x'inkonvenjenti ta' hsejjes meta jinhareg u jiddahhal mill-garage ghall-istalla fuq wara tal-bitha".

Illi tenut kont ta' dak li nghad rigward ir-raba' (4), is-sitt (6) u s-sebgha (7) imputazzjonijiet ma jirrizultax mill-provi prodotti li dawn l-imputazzjonijiet gew pruvati.

**Il-hames (5) imputazzjoni**

Ma giex pruvat li l-imputati naqsu li jnehhu id-demel tlett darbiet fil-gimgha fix-xhur ta’ Gunju, Lulju, Awissu u Settembru u darbtejn fil-gimgha fix-xhur l-ohra.

**<u>It-tmien (8) imputazzjoni</u>**

Illi l-imputati jinsabu affacjati wkoll bir-reat ta’ fastidju. Din il-Qorti ser taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta’ Frar 2009, fil-kawza fl-ismijiet: I**l-Pulizija (Spt. A. Cachia) vs. Massimo Tivisini**. Filwaqt li l-Qorti tinnota li sabiex wiehed jifhem x’iwassal ghar-reat ta’ fastidju li wiehed jaghmel riferenza ampja ghal dak li nghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni hawn fuq imsemmija, din il-Qorti sar taghmel riferenza ghal dak li jidhirlha li huwa verament importanti ghal kaz odjern. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

“Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz “Harassment”) gie definit mill-Black’s Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- “Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose”, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat “in isolation” b’riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** [21.6.07] :- “…. f’kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista’ tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta’ fastidju fuq periodu ta’ zmien””.

Illi tenut kont ta’ dak li nghad hawn fuq mill-Qorti tal-Appell Kriminali u mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma jirrizultax li fil-kawza odjerna dan ir-reat gie sodisfacentement pruvat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, tillibera lill-imputati mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------